**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 87/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Shaunvic Felice**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Shaunvic Felice**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 12990(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-2 ta' Diċembru 2008, kif ukoll fix-xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1. biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar fi

jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża (skont l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano LLD nhar il-21 ta' Novembru 2007, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) ta' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, Artikolu 17(h) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 23 ta' Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux ħati ta' dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tikkontempla l-aggravju tad-distanza u lliberatu minn dan l-aggravju, iżda sabitu ħati ta' dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' traffikar tar-raża tal-cannabis u tat-tieni imputazzjoni (b'dan illi sabet ħtija dwar dawn iż-żewġ imputazzjonijiet mhux fir-rigward tat-2 ta' Diċembru 2008, iżda dwar ix-xhur ta' qabel din id-data), kif ukoll tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' sitt mitt ewro (€600) li, bl-applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) ta' Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta segħtet titħallas minnu f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament

isir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan ukoll illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi. *In oltre* fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, *ai termini* ta' Artikolu 23 ta' Kapitolu 446, l-Ewwel Qorti trattat mal-ħati dwar ir-reat li tiegħu kien instab ħati permezz tas-sentenza tal-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano tal-21 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Stephen Stellini, Shaunvic Camilleri** daqs li kieku kien għadu kemm instab ħati dwar l-istess reat minn jew quddiem dik il-Qorti u fil-waqt li għal kull buon fini kkonfermat tali ħtija, wara li rat Artikoli 17(b), 37, 261(ċ), 267 u 279(a) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif viġenti fiż-żmien tal-każ, ikkundannatu għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija effettiva. L-Ewwel Qorti ma kkundannatx lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut nominat fil-proċeduri u dan stante li ma nstabitx ħtija fl-imputat in kwantu s-sustanza analizzata mill-istess espert. L-Ewwel Qorti ordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita bħala Dok. "JB 1", hekk kif dik is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Stante illi ma rriżultatx il-prova illi s-somma ta' ħmistax-il Euro (€15) misjuba fil-pussess tal-ħati kienet ġejja proprju mid-droga, l-Ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx tal-istess ossia ta' Dok. "JB 3" favur il-ħati.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja u tibdel is-sentenza appellata, b'dan li: (a) filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti rigward l-ewwel imputazzjoni li tikkontempla l-aggravju tad-distanza, fejn l-appellanti ġie liberat minn dan l-aggravju; u (b) tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija dwar l-ewwel żewġt imputazzjonijiet fir-rigward tad-data tat-2 ta' Diċembru 2008; (ċ) tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħati tal-ewwel imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' traffikar tar-raża tal-cannabis limitatament għax-xhur ta' qabel id-data tat-2 ta' Diċembru 2008, u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni; (d) tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet*

*lill-appellanti ħati tat-tieni imputazzjoni fir-rigward tax-xhur ta' qabel id-data tat-2 ta' Diċembru 2008 u tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minnha; u (e) tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti ħati tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u tilliberah minn kull piena; (f) subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija ta' xi waħda jew iktar imputazzjonijiet, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skont il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat illi din il-Qorti diversament preseduta laqgħet talba tal-appellant sabiex bla preġudizzju jressaq provi biex juri li fiż-żmien tal-allegat reati huwa kien maħkum bil-vizzju tad-droga u li fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 226) il-Qorti diversament preseduta wissiet lill-appellant b'dak li kien ser iseħħ quddiem il-Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u li hu kellu jżomm għad-direttivi kollha mogħtija lilu mill-Bord imsemmi.

Rat illi fid-19 ta' Ġunju 2020 il-Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga bagħat il-każ lura lil din il-Qorti kif diversament preseduta (*a fol.* 231).

Rat illi fl-14 ta' Settembru 2020 din il-Qorti diversament preseduta tat digriet (*a fol.* 240) in segwitu ta' Rikors tal-appellant tat-28 ta' Awwissu 2020 fejn talab li l-Qorti terga tibgħat l-atti lura lil Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex ikompli jsir dak stabbilit fl-istess disposizzjonijiet tal-liġi rilevanti.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 (*a fol.* 257) din il-Qorti diversament preseduta poġġiet lill-appellant taħt Ordni ta' Superviżjoni.

Rat illi fl-4 ta' Marzu 2021 il-Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-appellant ma kien għamel l-ebda kuntatt miegħu u li l-Bord imsemmi nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li kien qed jagħlaq il-każ mhux b'suċċess u b'hekk irrefera l-każ lura lil Qorti (*a fol.* 261 *et seq.*).

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, il-Qorti tinnota li jkun opportun li tidentifika x'kienu l-fatti fil-qosor ta' dan il-każ.

Illi fit-2 ta' Diċembru 2008 il-Pulizija kienu waqfu xi żgħażagħ ġewwa Ħal-Qormi u wieħed minnhom kien l-appellant. Żagħżugħ ieħor kien ċertu Jurgen Cauchi li għamel stqarrija li kkonfermaha quddiem il-Maġistrat tal-Għassa fejn huwa kien indika lill-appellant bħala l-persuna li fornitu bid-droga u fejn qal li kien xtraha minn għand l-appellant tliet ijiem qabel għall-prezz ta' ħamsa u għoxrin Euro (€25.00). L-espert ikkonkluda li s-sustanza kienet *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tiġi mill-*cannabis* u li kellha piż ta' 5.77 grammi. Jurgen Cauchi kkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament meta tela' jixhed quddiem il-Maġistrat. L-Ewwel Qorti m'għamlitx użu mill-istqarrija tal-appellant. Barra dan minn imkien ma jirriżulta li l-erba' żgħażagħ marru jixtru l-*cannabis*. Filfatt l-oħrajn lanqas kienu għadhom

ħadu r-raża. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li dan ma kienx każ ta' traffikar *by sharing*.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq tliet aggravji:

- l-ewwel aggravju huwa dwar it-testimonjanza ta' Jurgen Cauchi;
- it-tieni aggravju huwa dwar it-tielet (3) imputazzjoni fejn fiha l-appellant ġie akkużat li kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija fil-21 ta' Novembru 2007 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
- it-tielet aggravju huwa dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li t-testimonjanza ta' Jurgen Cauchi għandha tkun skartata għaliex jargumenta li meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti l-każ tiegħu ma kienx għadu definittivament deċiż. L-appellant jirreferi għal dak li qalet l-Ewwel Qorti meta qalet: *"Int għadek kif kont quddiemi issa dwar pussess ta' cannabis"* (*a fol.* 11) u jisħaq li ma jirriżultax jekk Jurgen Cauchi ngħatax is-sentenza jew le u jekk il-każ tiegħu ma kienx definittavement deċiż. Jisħaq li deċiżjoni tkun finali jekk tkun daħlet fil-ġudikat u li meta xehed Jurgen Cauchi kien għadu jista' jappella. Skont l-appellant, Cauchi kien ko-akkużat u għalhekk xhud inammissibbli. Huwa jisħaq ukoll li l-istqarrija ġuramentata tiegħu quddiem il-Maġistrat tal-Għassa għandha tkun skartata. Jgħid li Artikolu 30A ta' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għal Artikolu 661 ta' Kapitolu 9 imma mhux eċċezzjoni għal Artikolu 636(b) tal-istess Kapitolu 9. Jissottometti li jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhud, tali xhud huwa inammissibbli bl-applikazjoni *a contrario senso* ta' Artikolu 636(b) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-appellant irid ikun skada wkoll it-terminu tal-appell.

Illi l-Qorti kkunsidrat li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Frar 2019 ingħatat fil-konfront ta' Shaunvic Felice biss. Ma kien hemm ebda ko-awtur jew komplići mal-appellant. Apparti dan, Artikolu 636(b) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

> "Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –
>
> [...]
>
> (b) <u>li kien imputat tal-istess reat</u> li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista jixhed;
>
> [...]." [emfażi miżjuda]

Illi mit-tieni parti ħareġ il-prinċipju *a contrario senso*. Li jekk ma jkunx każ fejn si tratta li ma ngħatatx ebda impunita', allura wieħed jista' joġġezzjona. Il-Qorti tagħti attenzjoni għall-użu tal-kliem *"li kien imputat tal-istess reat"* f'dak hawn fuq ikkwotat. Filwaqt li huwa minnu li l-Prosekuzzjoni hija obbligata li tipprova l-każ 'l hemm minn kwalunkwe dubju raġjonevoli, huwa minnu wkoll li min jallega jrid jipprova. Minn imkien ma jirriżulta li d-difiża ppruvat dan u ċioè li x-xhud Jurgen Cauchi kien akkużat bl-istess reat. Di fatti, bħalma diġa' ngħad fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma hemm ebda riferenza għal xi ko-awtur u t-tieni d-difiża mkien ma ppruvat li Jurgen Cauchi kien mixli bl-istess reat f'xi proċeduri jew sentenza oħra. Jekk wieħed joqgħod għall-espressjoni wżata mill-Ewwel Qorti meta tressaq Jurgen Cauchi jixhed quddiemha u ċioè meta ngħad lilu: *"Inti għadek kif kont quddiemi issa dwar pussess ta' cannabis"* (*a fol.* 11) jirriżulta li l-Ewwel Qorti rriferiet għal pussess u ma rriferitx għal traffikar jew għal pussess aggravat!

Illi l-fatt li l-Pulizija ressqu diversi persuni fl-istess jum fuq dawk il-provi li kienu ġabru meta marru f'Ħal-Qormi ma jfissirx li kulħadd kien akkużat bl-istess reat jew reati li bihom kien akkużat

l-appellant. Il-kliem ta' Artikolu 636(b) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar *"li kien imputat tal-istess reat"*. Din il-prova ma tirriżultax. Mill-atti proċesswali ma tirriżulta l-ebda prova tad-difiża li Jurgen Cauchi kien akkużat bl-istess imputazzjonijiet li kellu l-appellant!

Illi b'hekk isegwi li hija ammissibbli wkoll l-istqarrija ġuramentata ta' Cauchi għaliex għal darb'oħra din hija stqarrija ġuramentata fejn ix-xhud jindika lill-appellant minn fejn xtara s-sustanza. Hemm differenza bejn li tixtri d-droga milli tbiegħ id-droga u bejn pussess aggravat tad-droga. It-tliet reati huma differenti u mill-istqarrija ma jirriżulta minn imkien li d-droga kienet inxtrat mill-appellant u mix-xhud flimkien jew li biegħuha flimkien. Isegwi għalhekk li s-sentenzi li għalihom għamel riferenza l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu ma jistgħux japplikaw għall-fatti ta' dan il-każ.

B'hekk il-Qorti ser tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju mressaq mill-appellant dan huwa dwar it-tielet (3) imputazzjoni fejn fiha l-appellant ġie akkużat li kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija fil-21 ta' Novembru 2007 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). L-appellant isostni li s-sentenza li minnha qiegħed jappella tindika ismu bħala "Shaunvic Felice" waqt li s-sentenza tal-21 ta' Novembru 2007 (Dok. "JB 4" – *a fol.* 24 *et seq.*) tagħmel riferenza għal "Shaunvic Camilleri". L-appellant jikkwota diversi sentenzi fejn il-Qrati Maltin iddeċidew li sentenza ma tkunx esegwibbli jekk l-imputat ikun indikat erronjament. Huwa jissottometti li mhux biżżejjed li jaqblu l-konnotati u n-numru tal-Karta tal-Identita' – kif qalet l-Ewwel Qorti – imma li l-isem u l-kunjom għandhom jaqblu wkoll. Jisħaq li l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Daniel Zammit tal-kawża li ssir riferenza għaliha fit-tielet imputazzjoni kellu jittella' jixhed biex jikkonferma l-identita' tal-appellant u jqabbilha mal-persuna indikata fis-sentenza tal-21 ta' Novembru 2007.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- Fl-att tat-twelid (*a fol.* 3) jidher li n-numru tar-reġistrazzjoni huwa "129" u s-sena ndikata hija "1990". Flimkien dawn joħolqu n-numru tal-Karta tal-Identita' u ċioè 12990(M). Fl-istess ċertifikat jidher li l-isem tal-wild huwa Shaunvic u li dan twieled fil-11 ta' Diċembru 1989. Dawn id-dettalji kollha jidhru fiċ-ċitazzjoni. Imbagħad hemm indikat li l-wild twieled il-Pieta', il-missier huwa Victor Felice u l-omm hija Antoinette Camilleri neé Camilleri. Iċ-ċertifikat tat-twelid ħareġ mir-Reġistru Pubbliku fil-15 ta' Diċembru 2008.

- Fil-fedina penali (*a fol.* 4) hemm imniżżel "Shaunvic Camilleri, bid-data tat-twelid tkun dik tal-11 ta' Diċembru 1989 u l-post tat-twelid ikun dak tal-Pieta'. Jidher ukoll li l-isem ta' l-omm huwa ndikat bħala Antoinette Camilleri bl-indirizz ikun dak ta' Blk XIII, Flat 7, Pjazza Mons. P.P. Psaila, Qormi. Dettalji tal-missier ma hemmx.

- Fiċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1) tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti li tat is-sentenza li tagħha qed jiġi kkunsidrat dan l-appell isem l-imputat huwa dak ta' Shaunvic Felice, ta' 18-il sena, iben missier mhux magħruf u Antoinette Camilleri, imwieled il-Pieta' fil-11 ta' Diċembru 1989, residenti Flat 7, Blk XIII, Pjazza Mons. P.P. Psaila, Qormi u li għandu l-Karta tal-Identita' bin-Numru 12990(M).

- Fis-sentenza tal-21 ta' Novembru 2007 (Dok. "JB 4" – *a fol.* 24 *et seq.*) wieħed mill-imputati huwa indikat bħala Shaunvic Camilleri ta' 16-il sena, iben Antoinette Camilleri, imwieled il-Pieta' fil-11 ta' Diċembru 1989 u residenti Blokk XIII, Flat 7, Pjazza P.P. Psaila, Qormi, bil-Karta tal-Identita' bin-Numru 12990(M).

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tara qbil perfett fejn tidħol il-Karta tal-Identita' kif ukoll il-konnotati l-oħra. Hawnhekk mhijiex kwistjoni ta' xi żball fl-isem

ta' l-imputat/appellant f'xi sentenza, la f'dik tal-21 ta' Novembru 2007 u lanqas f'dik mogħtija mill-Ewwel Qorti. Skont il-liġi ċivili jekk il-missier ma jkunx magħruf, l-iben jieħu kunjom ommu. Huwa proprju dan dak li sar fis-sentenza tal-21 ta' Novembru 2007. Dan jista' jinbidel jekk l-iben ikun rikonuxxut mill-missier bijoloġiku.

Illi filwaqt li l-Qorti tinnota li l-iSpettur Daniel Zammit ma kienx prodott quddiem l-Ewwel Qorti biex jagħraf lill-appellant fil-proċeduri u filwaqt li l-Qorti tinnota wkoll li huwa desiderabbli li jitressaq l-iSpettur in kwistjoni pero' għandu jingħad ukoll li mhux l-ewwel darba li jittella' l-iSpettur jixhed u jgħid li ma jistax jiftakar. Apparti minn dan jiġi nnutat li n-numru tal-Karta tal-Identita' ta' persuna huwa indikazzjoni ta' min joqgħod fuqha u li ma jistax ikun hemm żewġ persuni bl-istess numru tal-Karta tal-Identita' għaliex in-numru tar-reġistrazzjoni huwa wieħed biss għal kull persuna li titwieled.

Illi l-Qorti jirriżultalha li n-numru tal-Karta tal-Identita' indikat fiċ-ċitazzjoni, fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat, fis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Novembru 2007 u fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2019 kif ukoll il-konnotati kollha jaqblu. Barra dan, isem u konjum omm l-appellant huma l-istess kullimkien u l-missier fiċ-ċertifikat tat-twelid rilaxxat fil-15 ta' Diċembru 2008 huwa ndikat bħala Felice. Hemm differenza bejn wieħed kunjomu per eżempju "Borg" u fis-sentenza jitniżżel bi żball bħala "Zammit". Għandu jingħad li s-sentenzi ċċitati mill-appellant jirreferu għal tali żbalji. Fil-każ ta' llum m'hemmx dan l-iżball, anzi m'hemm ebda żball, la fis-sentenza tal-2007 u lanqas fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2019. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġun tistrieħ fuq in-numru tal-Karta tal-Identita' u l-konnotati oħra, fosthom anke l-post tat-twelid u l-post tar-residenza. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ser tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jissottometti li l-Ewwel Qorti lliberatu mill-imputazzjoni dwar id-

distanza. Jirriżulta li huwa mill-ewwel talab lil din il-Qorti diversament preseduta sabiex tassumi l-funzjoni bħala Qorti dwar id-Droga. Jisħaq li kellu biss tmintax-il sena u li għalhekk issa tista' tinfetaħ tieqa għal riforma u li fuq kollox il-piena ma għandhiex tkun waħda retributtiva iżda waħda ntiża għal riforma kif juru d-diversi sentenzi ċitati minnu.

Illi filwaqt li l-Qorti taqbel li l-piena għandha tkun waħda ntiża għal riforma pero' fl-istess waqt dan ma għandux ikun a skapitu ta' fatturi oħra. Il-Qorti rat li l-appellant ma għarafx jieħu d-diversi opportunitajiet li ġie mogħti fosthom anke dawk li l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, fejn minkejja li kien hemm mumenti li l-Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga kien bagħat il-każ lura lil din il-Qorti diversament preseduta wara li l-appellant ma żammx kuntatt miegħu kif kellu jagħmel, din il-Qorti diversament preseduta reġgħet bagħtitu lura quddiem l-istess Bord pero' kien kollu ta' xejn għaliex fl-4 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 261) il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li l-każ quddiemu ma kienx ingħalaq b'suċċess. B'żieda ma' dan jingħad ukoll li quddiem il-Qorti diversament preseduta kien sar *Social Inquiry Report* (*a fol.* 166 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Vella Bayliss fir-rigward tal-appellant u kif ukoll Rapport Psikoloġiku (*a fol.* 182 *et seq.*) redatt mill-Psikologa Dr. Roberta Holland fir-rigward tal-istess appellant. Il-Qorti tieħu wkoll in konsiderazzjoni qal li qalet l-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Vella Bayliss meta xehdet quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021 (*a fol.* 283 *et seq.*) fejn iddeskriviet l-inkonsistenza tal-appellant u fejn qalet li hemm problema tad-droga u li mhijiex qed tintwera ħeġġa biex tingħeleb.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż il-piena li ġiet erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena mogħtija minnha. B'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad ukoll dan l-aggravju.

Illi b'hekk isegwi li l-ebda aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqqlu jiġi milqugħ u għaldaqstant il-Qorti ser tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Shaunvic Felice u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**